31995D0011

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-23 ta' Jannar 1995
dwar il-pożizzjoni komuni, definita fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, u dwar l-estensjoni tas-sospensjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċ mar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro)

(95/11/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu J.2 miġjub fih,

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 943 (1994) u 970 (1995) adottati fit-23 ta' Settembru 1994 u fit-12 ta' Jannar 1995 rispettivament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Skond ir-Riżoluzzjonijiet 943 (1994) u 970 (1995) adottati fit-23 ta' Settembru 1994 u fit-12 ta' Jannar 1995 rispettivament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, is-sospensjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċ mar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) għandha tiġi estiża.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmul fi Brussell, fit-23 ta' Jannar 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

A. JUPPÉ